MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Numru 758/2005

**Il-Pulizija**
**Sp Angelo Gafa'**
**vs**
**Sandro Schembri Adami**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Sandro (Alexander George) Schembri Adami ta' 43 sena iben Franz u Yvonne nee' Brincat Depasquale mwieled Attard fil-25 ta' Awissu 1963 u residenti 15 Flat 17, Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa Valletta, ID 488863M.**

**Akkuzat talli fi Frar 2005 fil-Belt Valletta u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer fil-kapacita tieghu ta' Nutar, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:**

**1. Appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, fil-kapacita tieghu ta' Nutar u cioe appropja ruhu minn flejjes ta' Patrick Schembri, ID 4972M, liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' iktar minn LM500 u inqas minn LM1000 li gew fdati jew ikkusinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikatu dan minhabba il-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju u dan bi ksur ta' l-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**U iktar talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra saibex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew t'a hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq bi hsara ta' Patrick Schembri, ID 4972M u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti kienet finalment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat, liema ammissjoni l-imputat rega kkonferma wara li nghata hin xieraq biex jahsibha. Stante din l-ammissjoni, dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-qorti, wara li rat l-Artikoli 17(h), 293, 294, 308 u 310 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda waqt illi dwar it-tielet imputazzjoni mhix tiehu konjizzjoni minhabba li din mhix imputazzjoni u lanqas ma kienu appuntati jew mahturin esperti matul il-mori ta' din il-kawza. Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat ghal**

**sentejn prigunerija li ma ghandhomx jidhlu fis-sehh sakemm matul l-erba' snin li gejjin, l-imputat ma jwettaqx xi reat iehor. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 lill-imputat fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------